**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 794 / 2015**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Mario Xiberras)**

**vs.**

**Matthew Piscopo**

Illum, 1 ta' Lulju, 2021.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Matthew Piscopo ta' 40 sena bin il-mejjet John u Antonia xebba Spiteri imwieled Pieta' nhar d-09 ta' Dicembru ta' 1974, Sant' Anna, Furjana u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 068675 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Fit-18 ta' Novembru, 2012, f' hin mhux maghruf minn go l-fond: 157, Flat 2, Triq il-Punent, Vallet ta;

1. Ikkommetta serq ta' diversi oggetti ta' valur li jeccedi l-ammont ta' €2,329.37c minn go fond 157 Flat 2, Triq Il-Punent Valletta, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-lok u bil-persuna ghad-detriment ta' Familja Camilleri u/jew terzi persuna/i;

2. U aktar talli fl-istess zmien laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akwistata b' reat, u/jew xjentement b' kull mod indahal sabiex ibieghuhom jew imexxuhom;

3. Ikkommetta hsara volontarja ghad-dannu tal-Familja Camilleri bi ksur tal-artikolu 325 (1) (c) tal-Kodici Kriminali;

4. U aktar talli b' hekk rrenda ruhu recidiv b' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati Malta liema saru definittivi w ma jistawx jigi mibdula;

Il-Qorti giet mitluba li f' kaz ta' htija, l-imsemmi Matthew Piscopo ihallas lil parti offiza dak l-ammont ta' flus li jista jigi stabbilit mill-Qorti f' dik id-direttiva bhall kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghad-danni jew hsara kagunati permezz tar-reat.

Il-Qorti hija gentilment mitluba f' kaz ta' htija tikkundana lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tal-25 ta' Settembru 2015, ai termini ta' l-artikolu 392 (1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Rat li wara li gie moqri r-rinviju tal-Avukat Generali datat 21 ta' Marzu 2016[2], l-prosekuzzjoni fl-udjenza tat-13 ta' April 2016 talbu korrezzjoni fl-akkuzi sabiex ikun hemm zieda fl-ewwel akkuza sabiex is-serq jigi kkwalifikat bil-lok kif ukoll jizdied l-imputazzjoni li l-imputat ikkommetta hsara volontarja ghad-

[1] Folio 14 ta' l-atti processwali
[2] Folio 209 ta' l-atti processwali

dannu tal-Familja Camilleri u dan bi ksur tal-artikolu 325 (1) (c) tal-Kodici Kriminali.[3]

Rat li wara din il-korrezzjoni gie milqugha u saret il-korrezzjoni sabiex tizdied akkuza ohra, regghu inqraw l-akkuzi bil-gurament u ai termini ta' l-artikolu 392 (1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat rega tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[4]

Rat li fl-istess udjenza d-difiza ezentat lil Prosekuzzjoni milli terga' ttella' x-xhieda kollha mismugha sa dan il-punt.

Rat li wara li gie moqri r-rinviju tal-Avukat Generali datat 27 ta' Gunju 2016[5], l-prosekuzzjoni fl-udjenza tas-6 ta' Lulju, 2016, talbu korrezzjoni fl-akkuzi sabiex ikun hemm zieda fl-ewwel akkuza sabiex b' mod partikolari tordna z-zieda tal-imputazzjoni fis-sens li l-imputat ikkommetta hsara volontarja ghad-dannu tal-Familja Camilleri u dan bi ksur tal-artikolu 325 (1) (c) tal-Kodici Kriminali skond kif korretti u kif jidhru skond kif korretti a fol. 192[6] u kif mizjuda matul din is-seduta.[7]

Rat li wara din il-korrezzjoni gie milqugha u saret il-korrezzjoni mehtiega, regghu inqraw l-akkuzi bil-gurament u ai termini ta' l-artikolu 392 (1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat rega tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[8]

Rat li fl-istess udjenza d-difiza ezentat lil Prosekuzzjoni milli terga' tressaq mill-gdid il-provi gia kompilati f' dan il-kaz.

---

[3] Folio 210 ta' l-atti processwali
[4] Folio 214 ta' l-atti processwali
[5] Folio 227 ta' l-atti processwali
[6] Illum Folio 210
[7] Folio 210 ta' l-atti processwali
[8] Folio 231 ta' l-atti processwali

Rat li permezz tar-rinviju tal-Avukat Generali datat 17 ta' Novembru, 2017[9], fejn gew indikati li l-atti tal-kumpilazzjoni huma difettuzi ghat-tenur tal-artikolu 432 (2) tal-Kodici Kriminali regghu inqraw l-imputazzjonijiet bil-gurament u ai termini ta' l-artikolu 392 (1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat rega tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[10]

Rat li fl-istess udjenza d-difiza ezentat lil Prosekuzzjoni milli terga' tressaq mill-gdid il-provi gia kompilati f' dan il-kaz.
Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b' digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[11]

Rat li fl-udjenza tas-16 ta' Lulju 2019 il-partijiet iverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti kif preseduta milli terga tisma lix-xhieda prodotti.[12]

Wara li rat li l-Avukat Generali nhar it-12 ta' Gunju, 2020, ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputat ghandu jigi aggudikat minn din il-Qorti u jinstab hati u cioe[13]:

a. Fl-artikoli 261 (b), 261 (c), 261 (d), 261 (e), 263, 264, 265, 266, 267, 268, 269, 278, 279 (b), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Fl-artikolu 334 (a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Fl-artikolu 325 (1) (c), kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att XXIV tal-2014 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

---

[9] Folio 361 ta' l-atti processwali
[10] Folio 231 ta' l-atti processwali
[11] Folio 429 ta' l-atti processwali
[12] Folio 434 ta' l-atti processwali
[13] Folio 101 ta' l-atti processwali

d. Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. Fl-artikoli 17, 23, 31, 532 A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 t' April, 2021, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 261 (b), 261 (c), 261 (d), 261 (e), 263, 264, 265, 266, 267, 268, 269 (g), 278, 279 (b), 280, 281, 334 (a), 49, 50, 17, 23, 31, 532 A, 533 u 325 (1) (c) (kif kienet qabel l-emendi ntrodotti permezz tal-Att XXIV tal-2014) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lil Matthew Piscopo, hati ta' l-ewwel imputazzjoni u cioe' dik tas-serq ikkwalifikat bl-aggravju tal-mezz, tal-lok u tal-valur, izda mhux hati tal-aggravju bil-persuna, kif ukoll hati tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet dedotti kontrih u ikkundannatu piena kumplessiva ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar prigunerija effettivi li minnhom ghandhom jigu mnaqqsa dawk skontati minnu taht arrest preventiv.

Astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni in kwantu din hija alternattiva ghal-ewwel imputazzjoni, li taghha l-imputat instab hati.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 15 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b' zieda mal-piena, ordnat lill-hati jirrestitwixxi lill-parti offiza kull haga minnu misruqa immedjatament u fin-nuqqas li jirrestitwixxi kollox, ihallas lill Alfredo Camilleri u l-familja tieghu l-ammont ta' hamest elef Euro (€5,000) rapprezentati kumpens ghat-telf u hsara li soffrew permezz tar-reat.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 15 A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta awtorizzat li l-kumpens ta' hamest elef Euro jithallsu bin-nifs, b' tali mod li ghandu jithallsu fi zmien massimu ta' tlett snin wara li l-hati jkun skonta s-sentenza ta' prigunerija effettiva.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 23 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat l-konfiska tal-corpus delicti, tal-istrumenti li servew jew li kien mahsub li jservu sabiex isir id-delitt.

Il-Qorti irrakomandat lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin li waqt li l-hati jkun fil-perjodu ta' inkarcerazzjoni, u safejn jaccetta l-istess hati, u jekk ghadu l-kaz, jigi offrut u jinghata kull opportunita possibli sabiex jindirizza l-vizzju tad-droga.

Il-Qorti ordnat li kopja ta' din is-sentenza tigi kkomunikata lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lill-hati Matthew Piscopo ihallas lir-Registratur l-ispejjez tal-esperti mahtura fl-inkjesta relattiva, fis-somma komplessiva ta' elf, mitejn u hdax il- Euro u sitt centezmi (€1,211.06) u cioe' l-ispejjez hawn taht elenkati:

1. Relazzjoni ta' l-espert PS 1261 Charles Pace ta' € 45.98[14],
2. Relazzjoni ta' Dr. Anthony Cutajar LL.D ta' € 362.09[15];
3. Relazzjoni ta' l-espert PS 36 Sergio Azzopardi ta' € 93.08[16];
4. Relazzjoni ta' l-espert Joseph Mallia ta' € 585.50[17];
5. Relazzjoni ta' PC 169 Jurgen Schembri ta' € 124.41[18]

Il-Qorti ordnat li kopja ta' din is-sentenza tigi kkomunikata lir-Registratur tal-Qorti.

[14] Folio 99 ta' l-atti processwali
[15] Folio 120 ta' l-atti processwali
[16] Folio 127 ta' l-atti processwali
[17] Folio 177 ta' l-atti processwali
[18] Folio 411 ta' l-atti processwali

Rat ir-rikors tal-appellant Matthew Piscopo minnhu pprezentat fl-4 ta' Mejju, 2021, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha fejn astjeniet li tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni, filwaqt li jitlob li thassarha u tannullaha, fil-parti fejn sabet lil l-imputat hati ta' l-ewwel, tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, u tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena.

Rat illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

L-appellant umilment jirrileva illi, bir-rispett kollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt ssibu hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu a bazi tal-provi prodotti quddiema.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-appellant tressaq akkuzat bl-imputazzjonijiet odjerni, peress illi wara illi kienet giet elevata impronta digitali mal-bieb ta' barra mill-fond fejn sar is-serq, din l-impronta qablet mal-impronti digitali ta' l-appellant.

L-appellant umilment jirrileva illi, bir-rispett kollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt ssibu hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu a bazi tal-provi prodotti quddiema, ossia impronta digitali biss u konsegwentement, jilmenta illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti quddiema.

Illi, ghalhekk l-appellanti umilment jirreleva illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt issibu hati tar-reat ta' serq ta' effetti personali kommessi mill-fond in kwistjoni, la darba din il-prova mhux sostanzjata bi provi cirkostanzjali ohra.

Fil-kawza fl-ismijiet **il-Pulizija v Jason Lee Borg u Alan Camilleri**[19], il-Qorti Kriminali rreteniet illi:

> *Provi jew indizzji cirkostanzali ghandhom ikunu uniovoci, cioe mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda ilkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.Il-prova ta' fingerprints qeghda hemmhekk biex f' xi kazijiet issahhah provi ohra tal-Prosekuzzjoni...*

Fil-kawza fl-ismijiet, **Il-Pulizija v Victor Gatt**[20], il-Qorti sostniet li l-kaz tal-prosekuzzjoni kien msejjes fuq il-fatt li nstabu l-impronti digitali tal-imputat fuq flixkun tal-whisky fil-fond fejn sehhet dik is-serqa. Il-Qorti qalet illi fil-fehma taghha, dan fih innifsu ghalkemm hu ndizzju, huwa biss prova li l-imputat mess dak il-flixkun tal-whisky u xejn aktar.

Ghaldaqstant, fil-kaz odjern, l-unika fatt illi rrnexxila tistabilixxi l-prosekuzzjoni hu li l-imputat mess ill-bieb ta' barra tal-fond tas-Sinjuri Camilleri, pero ma ngabet ebda prova illi tistabilixxi, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, illi kien l-imputat illi wettaq is-serqa ta' l-oggetti personali minn gewwa l-fond in kwistjoni. Ma ngabet ebda prova biex tikkorabora u ssahhah dan, u b' hekk tpoggi lil l-appellant fix-xena tad-delitt u tinkriminah.

---

[19] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar il-15 ta' Gunju 1998

[20] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudiaktura Kriminali nhar is-27 ta' Mejju, 1999

Fis-sentenza moghtija fit- 30 ta' Gunju, 1998, Qorti tal-Magistrati, fl-ismijiet il-Pulizja v Emanuel Camilleri gie deciz li: "… f' dak il-kaz il-prova tal-fingerprints kien jinhtiegilha korroborazzjoni minn provi cirkostanzjali ohra."

Ghalkhemm, irid jinghad, illi f' certi kazijiet, il-Qorti tirritjeni illi l-prova ta' fingerprint, fix-xena tad-delitt, hija wahedha prova bizzejjed sabiex jinstab htija fuq l-akkuzat, fil-kaz odjern, l-appellant jissotometti illi din wahedha ma kenitx prova bizzejjed, l-aktar fid-dawl tal-fatt illi tali prova ma hijiex korraborata.

Fid-dawl tal-fatt illi fi proceduri kriminali, bhala principju generali, imputat huwa prezunt innocenti, sakemm jigi pruvat il-kuntrarju, l-appellant isostni illi fil-kaz odjern l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-htija tieghu. Ghaldaqstant, bis-semplici fatt illi nstabet impronta digitali mal-bieb ta' barra tal-fond, din wahedha mhux prova bizzejjed, la darba l-prosekuzzjoni naqset milli ggib prova ta' kif din l-impronta nstabet fuq il-bieb ta' barra in kwistjoni. Ai termini tal-ligi, kull persuna li taghmel allegazzjoni, necessarjament trid iggib provi in sostenn ta' l-istess, u ghalhekk fil-kaz odjern, il-prosekuzzjoni kellha tiggustifika s-sejba ta' l-impronta digitali fuq il-bieb ta' barra.

Illi l-appellant umilment jirrileva li l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-kaz taghha lill hinn minn kull dubju ragonevoli. Bir-rispett kollu l-Ewwel Onorabbli Qorti qatt ma setghet issib lill-appellant hati tar-reat tas-serq, meta effettivament ma giex langas stabilt b' mod definitiv il-valur ta' l-oggetti misruqa. Din il-prova kienet tinkombi fuq il-prosekuzzjoni, illi minn naha taghha naqset milli taghmel dan.

In subordine, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellant jilmenta, illi l-elementi tar-reat ta' serq ma gewx pruvati, u ghalhekk l-appellant isostni illi huwa kellu jigi liberat minn l-imputazzjoni tas-serq kif dedotta kontra tieghu.

Il-Kodici Kriminali taghna, ma taghti ebda definizzjoni dwar id-delitt tas-serq, u ghalhekk, wiehed irid bilfors jaghmel referenza ghal l-awturi u ghall-gurisprudenza. **Carrara** jiddefenixxi s-serq bhala,

> *' la contrettazione dolosa della cosa altrui, fatta invito domino, con animo di farne lucro'*

Il-Qrati taghna wkoll addottaw din id-definizzjoni. Fil-kaz fl-ismijiet, <u>il-Pulizija. v. Felice</u>, (Qorti ta' l-Appelli Kriminali 10/01/1942) il-Qorti rreteniet illi:

> *Illi, ghalkemm il-ligi taghna ma taghtix id-definizzjoni tas-serq, huwa pacifiku fid-dottrina u fil-gurispridenza li s-serq huwa l-kontrettazzjoni doluza ta' haga mobili li ghandha valur, maghmula a dannu u kontra l-volontà tas-sid bi skop li jsir minnha profitt. In bazi ghal din id-definizzjoni, biex ikun hemm id-delitt ta' serq hemm bzonn il-konkors ta' dawn l-elementi:- (a) l-impossessament tal-haga; (b) li dik il-haga tkun ta' haddiehor; (c) li dak l-impossessament isir kontra l-volontà tas-sid tal-haga; (d) id-dolo, jigifieri l-iskop li mill-haga misruqa jsir profitt.*

It-terminu *Contrettazione* gej mill-kelma latina *contrectatio*, u jfisser illi sabiex ir-reat jigi kkonsumat, hemm bzonn illi l-oggett misruq jiccaqlaq minn postu bil-konsegwenza illi s-sid jew il-possessur ta' l-oggett jigi deprevat minn l-oggett in kwistjoni, u dan minghajr ma jkun ta' l-kunsens tieghu. Fil-kaz odjern, kif hareg car kemm mix-xhieda prodotta, l-affarijiet misruqa ma nsabux. Dan ifisser illi r-reat ta' serq ma giex kkunsmat, u ghalhekk wiehed minn l-elementi tas-serq huwa mankanti.

Inoltre, il-*contrectatio*, trid tkun doluza, ossia, l-oggett irid jinsteraq bl-animu illi jitwettaq reat, ossia l-imputat ried ikun konsapevoli mill-fatt illi huwa qed jikser il-ligi. Din il-prova hija wkoll mankanti, u filfatt ma ngabet ebda prova ta' dan.

Element iehor importanti fir-reat tas-serq, li huwa ' id- dolo' , jimplika illi min ikun seraq ,irid ikun se jaghmel akkwist, profitt, jew xi tip ta' tgawdija ghalih nnifsu minn l-oggett, ossia -lukru, u dan sabiex jikkonkorru l-elementi tar-reat. Il-lukru jista' jikkosisti anki fi kwalunkwe tgawdija, pjacir jew soddisfazzjon li l-halliel jipprokura lilu nnifsu bil-haga misruqa. Dan gie kkonfermat fis-sentenza **Pulizija vs James Chetcuti** (Appelli Kriminali 03/04/1943). L-appellanti umilment jissottometti, illi dan l-element huwa wkoll mankanti. Dan ghaliex, ma ngibet ebda tip ta' prova illi l-appellant ghamel xi tip ta' tgawdija minn l-oggetti allegatament misruqa.

A rigward tat-tielet akkuza, u cioe dik tal-hsara volontarja fuq il-bieb ta' barra in kwistjoni, l-appellant jissottometti illi din l-imputazzjoni ma gietx sodisfacentement pruvata stante illi ma ngibet ebda prova ta' din l-istess hsara. Filfatt mill-process jirrizulta li l-valur tal-hsara ma giex indikta mix-xhud, izda gie indikat fil-konkluzjoni finali ta' l-espert fejn gie indikat li l-valur tal-hsara ma jammontax ghal aktar minn mija u sittax -il euro u seba' u erbghin centezmu. Dan ifisser illi fl-ebda stadju tal-proceduri ma itghellat xi persuna li tkun hadmet fuq l-istess hsarat, bhal nghidu anha mastrudaxxa sabiex jiddikjara bil-gurament tieghu xi spejjez gew inkorsi mill-parti civili sabiex tigi riparata l-istess. Fil-kaz odjern ma ngibet ebda prova f' dan is-sens.

Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, (stante illi l-appellant isostni illi hu ghandu jigi liberat), l-appellant umilment jissottometti, illi f' kaz ta' htija, din l-Onorabbli Qorti ghandha timponi piena aktar ekwa u gusta ghal fatti speci

tal-kaz odjern, u dan partikolarment minhabba li l-kaz odjern jirrisalli ghal oltre tien snin ilu. Kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs Stephen Spiteri** (Qorti tal-Appelli Kriminali 22.09.1993), il-kuncett ta' ' crime does not pay' m' ghadux applikabbli fiz-zminijiet tal-llum. Illum il-gurnata l-iskop ta' ' piena mhux biss dak ta' deterrent jew retribuzzjoni izda wkoll ta' riabilitazzjoni.

Ghalhekk b' referenza ghal principi hawn ribaditi, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt tasal ghas-sejbien ta' htija fil-konfront ta' l-appellanti.

Semghet lill-aprtijeit jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tas-17 ta' Gunju, 2021.

Ikkunsidrat,

Illi l-aggravju principali tal-appellant hu bazat fuq il-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti u ma setghet qatt ssibu hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu a bazi tal-provi prodotti quddiema, ossia impronta digitali biss.

Issa kif gie ritenut ripetutament minn din il-Qorti diversament preseduta w anki kif illum preseduta, *"principju fundamentali applikabbli fl-appelli kriminali huwa li l-Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax facilment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx, legalment u ragonevolment , tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha."* (**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**[21]; **il-pulizija vs Charles Victor Edward Cassar**[22] u ohrajn.) Il-Qorti tvarja tali apprezzament jekk tqis li fuq il-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti u minnha traskritti ma jkunx "safe and satisfactory" li tinstab il-htija addebitata lill-appellanti .

Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit**[23] deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) intqal:

---

[21] Deciza mill-Qorti tal-Appeli Kriminali nhar l-10 ta' Mejju 2002

[22] Deciza mill-Qorti tal-Appeli Kriminali nhar id-29 ta' Mejju 2003

[23] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali**

*"Dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha.*

*Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni."*

B'hekk anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, ċjoe li terġa tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti

---

**Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et,** 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace,** 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991. Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li : Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003**, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed** deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, **ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino** deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u **r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt** deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

tal-Maġistrati li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali u tasal għall-konklużjonijiet tagħha wara li tkun qieset kollox.[24]

Din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Massimo Chircop**[25] irriteniet li:-

> *Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali twettaq id-dmir ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Huwa minħabba f'hekk u biex tilħaq dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti quddiem dik il-Qorti.*
>
> *Bosta drabi l-fatti li joħorġu mill-provi mhux dejjem ikunu jaqblu ma xulxin. Anzi ġieli jkun hemm xiehda li jgħidu bil-maqlub ta' xulxin. Għalhekk din il-Qorti trid tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati u dan għaliex jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza jekk ma jkunx hemm raġuni valida.*

[24] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.
[25] Deciza mill-Qorti tal-Appeli Kriminali nhar il- 25 ta' Frar 2020

Din il-Qorti ghalhekk sejra taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "safe and satisfactory" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Ikkunsidrat

**Alfredo Camillleri** xehed nhar it-2 ta' Ottubru, 2015 jghid li fiss-ena 2012 kien ghamel rapport l-ghassa tal-puliizja u rraporta li kien jum il-Hadd u meta irritorna lura d-dar ma martu Antonia sabu li l-bieb ta' barra tieghu sgassat. Meta ra hekk cempel lill-pulizija li marru fuq il-post u dahlu gewwa. Qal li hadulu oggettti li l-valur taghhom huwa ta' hamest elef euro ( €5,000).Hadulu diversi oggetti kif indiakti fil-lsita prezentata minnu a fol. 33 u iffirmata minnu ukoll. Dawn kienu fil-gwardarobba. Mistoqsi jara jekk jgharafx xi hadd fl-awla li seta kien il-malvivent jghid li ma jaf lil hadd. Huwa sab it-taqlib biss. Bhala hsara qal li kellu fil-gwardarobba u fil-bieb ta' barra ghaliex gew sgassati. Qal li ma la-rt sabu turnavit li gie elevat mill-pulizija u dan ma keinx tieghu. Jghid li martu qabadha id-dementia wara dan l-incident u baqghet sejra lura. Ikkonferma li waqt is-serqa huma ma kienux id-dar.Mistoqsi jekk jafx lill-akkuzat jghid li ma jafux.

Illi nhar il-25 ta' Jannar 2017 rega xehed u msitqosi x'kienu l-oggetti tad-deheb li insterqulu jghid li a jiftakarx per ojghid li kien kitibhom fuq karta. Ikkonferma li din il-lista kitibha ir-ragel tan neputija tieghu Carmen Zammit kuljomu Curmi. Mistoqsi jghid jekk jiftakarx xi haga li kien hemm imnizzel fil-lsita jghid li kien hemm curktt bi-foss u curkett tal-lira tal irgiel , zewg chokers tieghu u iehor tal-mara, xi tmien cappetti taghha u zewgt icriket bl-arma tar-Regina. Jghid li kien sab ukol xi flus nieqsa pero ma kienx kitibhom fil-lista.

L-**Ispettur Carlos Cordina** xehed jghid li hwua kellu rapport li kienet sehhet serqa nhar it-18 ta' Novembru 2012 gewwa il-blokka flats 157/2 Triq il Punent Valletta fejn kienu jirrisjedu l-konjugi Alfredo u Antonia Camilleri, zewg anzjani il fuq minn sittin sena . Jghid li kienu irraportaw din is-erqa l-ghassa tal-Belt u fost l-affarijeti li insterqulhom kien hemm diversi oggetti tad-deheb l-iktar tan-nisa Skond ma qallu Alfredo l-ammont kien jaqbez l-erbat elef euro ( €4,000). Qal li minn inforamzzjoni li kellu wasal biex arresta lill-appellant permezz ta' madnat mahrug mill-Magistrat.

Huw ainvestigah u prorpju ghaliex kien instab ci impronta fuq il-bieb ta' din ir-rsidenza u meta dan Piscopo gie msitoqsi jekk kienx mar il-Belt u appuntu hdejn dawn il-falts dan kien cahad u qal li qatt ma kien resaq 'l hemm. Huwa pprezenta l-istqarrija rilaxxjata minn Piscopo nhar l-24 ta' lulju 2015[26]. Fit-18 ta' Awwissu jghid li kien ghamel talba lil-Magistrat sabiex jittihdu l-impronti digitali tal-appellant . Jghid li filf-att Piscopo ikkopera hafn akemm mal-pulizija kif ukoll mal -Magistrat f'dan ir-rigward. Nhar l-24 ta' Settembru 2015 Piscopo irrilaxja stqarriaj ohra[27] u hemmhek baqa' izomm ma l-sitess evrsjoni li ta' qabel u cioe li lejn il-bieb tal-flat tal-konjugi Camilleri qatt ma kien reesaq . Ix-xhud ippresenta ukoll kopja tal-att tat-twelid tad-deruabti[28] u zewg sentenzi[29] li inghataw fil-konfront tal-appellant. Huwa gharaf in-numru tal-karta ta' identita tal-appellant fuq is-sentenzi minnu esebiti nhala 68675(M). Qal li kien wera lid-derubati ritratti ta' diversi irgiel u fosthom kien hemm ta' l-appellant u Antonia ma kienitx f'kundizzjoni li taghraf lil xi hadd u Alfredo qal li qatt ma kien ra lill-appellant qabel u ma jafx li qatt kellu xi access ghad-dar tieghu . Mistoqsi jekk saritx search fir-residenza tal-appellant jghid li hu ma marx pero suppost saret wahda mis-surgent tieghu. Res furtiva ma sabx .

Illi nhar id-9 ta' Jannar 2020 ix-xhud rega konferma li l-akkzuat kien gie msitqosi jekk kienx mar fil-vicinanzi tal-fond tal-konjugi Camilleri u da nkkonfermalu li qat tma mar hemm. Mistoqsi ghalfen l-impronti tieghu isntabu mal-bieb tar-residenza tal-konjug Camilleri jghid li ma jafx

Nhar is-16 ta' Ottubru 2015 dehret **Doris Serpina** Deputat Regisstratur u esebiet l-proces verbal redatt mill-Magistrat Dr Dorreen Clarke dwar serq mir residenza 157/2 Triq il Punent, Valletta nhar it-18 ta' Novembru 2012 ghad-detriment tal-konjugi Alfredo u Antonia Camilleri. Il-Magistrat kienet innominat lil PS 1261 Charles Pace bhala scene of the Crime officer u dan ha numru ta' impronti minn fuq ix-xena tad-delitt u dawnjisnabu f'relazzjoni markata bhala dok SOCO esebita fl-atti a dol 64 et seq

[26] Fol 49 ta' l-atti
[27] Fol. 53 tal-atti
[28] Fol. 56 u 57 ta' l-atti
[29] Fol 58 et seq

**Dr Anthony Cutajar** kien gie nominat sabiex jaccedi fuq il-post u jaghmel il-kostatazzjonijiet tieghuu ihejji deskrizzjoni tal-fond, elenku tal-oggetti lli insterqu, jaghti stimi relattivi tal-oggetti li gew derubati u jisma ix-xhieda bil-gurament jekk ikun jehtieg. Huwa pprezenta ir-relazzjoni tieghu fl-atti tal-inkjesta[30] nhar l-4 ta' April 2013. Illi huwa kkonkluda wara li semgha ix-xheda ta' Alfredo Camilleri li l-fond fejn sehhet is-serqa huwa mikri lill-konjugi Alfredo u u Antonia Camilleri u li s-serqa saret bl-aggravju tal-mezz stante li kien hemm sgass fis-serratura tal-bieb li jaghti ghall-flat taghhom, bil-lok stante li fond fejn saret is-serqa hija ir-residenza tal-konjugi Camilleri, bil-valur stante li l-oggetti li gew misruqa ghadnhom valur li jeccedi l-elf euro ( €1,000) u li kien hemm hsarat volontarja fil-bieb ta' barra tal-flat liem hsara ma teccedix €116 u kien hemm ukoll hsara minima fil-gredenza.

Il-Magistrat kienet innominat ukoll lil PS 36 Sergio Azzopardi bhala scene of the crima officer u dan acceda fil-post u nahr it-30 ta' april 2013 pprezenta ir-relazzjoni tieghu fl-atti tal-inkjesta[31].

Illi b'rinviju tal-Avukat Generali datat 9 ta' Lulju 2015[32] l-Magistrat giet mitluba sabiex tinnomina espert ai fini ta' elevazzjoni t'impronti digitai minn fuq is-susoettat Matthew Piscopo detentur tal-karta ta' identita numru 68675M u sabiex jsir esami komparattiv ma dawk elevanti mix-xena tad-deitt min nPS 1261 Charles Pace.

Rat li nhar it-18 ta' Awwissu 2015 is-suspettat Matthew Piscopo deher quddiem ill-Magistrat u ta' l-kunsens tieghu biex jaghti l-impronti digitali tieghu u l-Qorti innomiant lil Joseph Mallia biex jiehu dawn l-impronti digitali u palmari ta' mAtthew Piscopo u biex in segwitu isir l-esami komparattiv mal-impronti digitali ta' PS 1261 Charles Pace.

Illi nhar l-24 ta' Awwissu 2015 l-espert **Jospeh Mallia** esebixxa l-impronti u palmari ta' Matthew Piscopo u dawn flimkien mar-relazzjoni tieghu li giet markata bhala dok JM1[33] Minn esami ta' din ir-relazzjoni l-espert ikkonkluda li l-impronta

[30] Fol. 102
[31] Fol. 121 et seq ta' l-atti
[32] Fol. 129 ta' l-atti
[33] Fol.139 ta' l-atti.

dokument 12 DDI 301 giet kkomparata pozittivament u ghalhekk hija identitka ma parti mill-marka tal-pala tal-id ix-xellugija ta' Matthew Piscopo detentur tal-karta ta' identita numru 68675(M). Jghid ukoll li t-tieni impronta i giet zviluppata u elevata permezz ta' lifter dokument 12 DD1 302 giet ukoll kkomparata pozittivament u ghalhekk hija identitka mal-marka tas-saba z-zghir tal-id ix-xellugija ta' Matthew Piscopo detentur tal-karta ta' identita numru 68675(M). Jigi rilevat mill-Qorti li l-impronta enumerata 301 u 302 gew elevati minn fuq il-bieb ta' barra tal-flat tal-konjugi Camilleri.

Illi nhar l-20 ta' Dicembru 2017 l-Qorti innominat lil espert Joseph Mallia sabeix jghamle dawk l-esamijiet ghaz zvilupp tal impronti minn fuq it-turnavit ta' lesw iswed esebit u markat bhala dok 12DII202 u l-furmatur esebit u markat bhala dok 12DII201. Ili nhar it-22 ta' Jannar 2018 deher l-espert **JosephMallia** u ha l-impronti digitali u l-marki tal-pali tal-idejn taMatthew Piscopo u dan sabiex wara jghaddi biex jghamel esami komparattiv ta' impronti digitali li gew esebiti mill-puliizja.

Ili pero b'digriet taghha tat-12 ta' Dicembru 2018 l-ewwel Qorit ghaddiet biex tinnomina lil PC 169 sabiex jeleva improtni digitalli mit-turnaivt u mill-formatur u dan sabeix wara Joseph Mallia ikun jstia jaqdi l-inkarigu tieghu .

PC 169 Jurgen Schembri espleta l-inkarigu moghti lilu nhar is-16 ta' Jannar 2019 u esebixxa ir-rapport tieghu[34]

**PS 90 Jeffrey Gerada** xehed nhar l-20 ta' Jannar, 2016 u qal li kien assista lill-ispettur Carlos Cordina rigward serqa li giet rapportata li sehhet nhar it-18 ta' Nvembru 2012 li fuqha kien qed jigi investigat l-appellant odjern Jghid li fit-30 ta' Guju , 2015 kien mar ikellem lid-derubati l-konjugi Camilleri u dawn qalulu li kienu insterqulhom divresi oggetti tad-deheb u li fuqil-post instabet xi ghodda li ma kienitx taghhom. Qal li in segwitu kien gie arrestat l-appellant u dan irrilaxxja stqarrija. Jghid li kien anke akkompanja lil Piscopo fuq il-post li kien gie derubat u kien urih l-indirizz u l-bieb ta' fejn saret is-serqa u dan qallu li qatt ma kien dahal f'dan il-post u lanqas ma kien resaq lejn il-fond jew fit-triq fejn kien hemm il-fond.

[34] Fol.409 ta' l-atti

Qal li kien wera xi ritratti lil vitmi biex jaraw jekk jistghux jgharfu lil xi hadd u fost ir-ritratti li gew murija kienhemm ritratt tal-appellant pero ma gharfuhx u qalu li ma kellhom l-ebda ideja dwaru. La qatt dahal ghandhom, u lanqas qatt ma rawh fil-vicinanzi.

**PC 605 Lino Parascandolo** jghid li nhar it-18 ta' Novembru, 2012 kien stazzjonat fl-ghassa tal-pulizija tal-Belt fejn ghall-habta tad-9.00 p.m ircieva telefonata mill-Control room li kienet sehhet serqa fil-fond 157/2 Triq Punnent, Valletta u huwa assita lis-surgent PS 343 fl-investigazzjoni. Huma marrru fuq il-post immedjatament u dahlu fi-post li kien mixghul. Qal li sabu taqlib fil-fond u appuntu fil-kamra tas-sodda. Mieghu fuq il-post kien hemm ukoll PC 734 Franco Portelli Huwa ra l-okkorrenza esebit fl-attti a fol 221 markat bhala dok CCX u iffirmah.

**PC 734 Franco Portelli** xehed u kkonferma dak li qal PC 605 Lino Parascandolo u zied jghid li fil-fond sabu turnavit u fornatur fil-kamra tas-sodda li skond is-sur Camilleri dawn ma kienux tieghu. Qal li jaf li kien hemm min ra xi CCTVs tal-ekwati izda ma deher hadd diehel fil-fond ta' Camilleri. Mistqosi fejn kienu imwahla dawn ic CCTV jghid li kienu fitt-riq pero ma jiftakarx ma liema fondi kienu Mistoqsi ghaliex ma kitibx dan fl-okkorenza jghid li la ma kienx hu li ra c-CCTVC Tkellem mal-kwerelant izda qallu li ma kellu suspett f'hadd.

**Spettur Kylie Borg** xehdet nhar l-20 ta' Jannar, 2016 kkonfermat li waqt li kienet stazzjonata l-ghassa tal-pulizija tal Belt Valletta kien dahal rapport nhar it-18 ta' Novembru, 2012 li kienet saret serqa fil-fond 157/2 Triq il Punent, Valletta fejn gie rapportat li kellhom nieqes xi oggetti tad-deheb li l-valur taghhom ma kienx mgharuf izda kien iktar minn €2,333.

Murija s-sentenza esebita fl-atti[35] fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Matthew Piscopo</u>** moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar

[35] Fol 58 ta' l-atti

it-30 ta' lulju, 2013 u tghid li din is-sentenza kienet inghatat fil-konfront tal-akkuzat odjern. F'dik il-kawza fejn inghatat is-sentenza hija kienet l-ufficcjal prosektur.

**Joseph Curmi** xehed nhar it-13 ta' April 2016 u muri l-lista tal-oggetti li allegatament insterqu mill-fond tal-konugi Camilleri li tinsab fl-atit a fol. 33 u jikkonferma li kien hu li kitibha. Qal li is-sur Camilleri li jigi z-ziju tal-mara tieghu u ma jafax jikteb. Qal li huwa kiteb dak li qaltlu l-mara u l-mara saret taf dwar dak l iinsteraq minn zijuha Alfred Camilleri. Il-konversazzjoni bejn martu u zijuha ma saritx fil-presenza tieghu.

**Carmen Curmi** xehdet nhar il-25 ta' Jannar 2017 u kkonfemrat li Alfredo Camilleri huwa iz-ziju taghha kien safa vitma ta' serq. Tiftakar li kienu cemplulha u qaluluha li kienu dahlulhom u marret tgiri s'ghandhom u rat li kullimkien kien imqalleb . Tghi dli zijuha talabha biex tikteb lista tal-oggetti li insterqu u perss li ma tafx tikteb staqsiet lil zewghha sabiex jikteb il-lista. Ikkonfermat li zewghha kiteb dak li qaltu hi . Hija irrepetiet dak i kien qalilha iz-ziju. Pero meta zewghha kiteb il-lsit aiz-ziju ma kienx maghhom Murija il-lista esebita fl-atti a fol. 32 tghid li dik hi l-lista miktuba minn zewgha Joseph Curmi.

**Christianne Borg** xehdet nhar is-16 ta' Ottubru, 2017 u esebiet turnavit catt b'marku iswed u furmatur bil-manku lewn Kanella u dan go enevelop li kien gie prezetat min PS 1261 Charles Pace u fl-atti tal-inkjesta dwar is-serqa mill-fond 157/2 Triq il-Punent Valletta.

**Maria Dolores Fenech** xehdet nhar it-13 ta' Gunju, 2020 u kkonfermat li ma kien gie intavolat l-ebda appell mis-sentenza moghtija mill-allura Magistrat Lawrence Quintano nhar il-21 ta' Novembru, 2007.

L-**akkuzat Matthew Piscopo** ghazel li ma jixhedx pero kien irrilaxja zewg stqarrijiet waqt l-investigazzjoni u dan b'mod volontarju. Fl-istqarrija esebita fl-atti a dol 49 jistqarr li huwa ghandu l-vizzju tad-droga u ilu bih ghal 25 sena. Mistoqsi jekk kienx qatt investigat fil-passat jghid li iva. Mistoqsi jekk hux

minnu li gie akkompanjat mill-pulizija fil-fond 157/2 Triq il Punent, Valletta jghid iva. Mistoqsi jek qatt marx f'in il-blokka iwiegeb ex admisses " Jien qatt ma kont nghix hemmhekk u lanqas qatt ma dhalt gewwa il-blokka." Mistoqsi jekk qattx kellu xi tfajla li tghix hemmhekk iwiegeb fin-negattiv ukoll. Mistoqsi jekk kellux x'jaqsam mas-serq tal-oggeti tad-deheb jghid li le. Fit-tieni stqarrija l-akkuzat jghid li huwa imlaqqam 'il- killer' u jghid li ilu bil-vizzju tad-droga ghal madwar 25 sena pero li kien ghaddej ghal laqghat mal- Caritas biex jibda programm. Mistoqsi jekk ghandux izid firr gward tas-erqa li saaret fi Trqi l Punent wara li huwa ta' l-impronti tieghu jghid li m ghandux . Mistoqsi jekk jahdimx jghid li le ghaliex kien ghadda bord.

Ikkunsidrat.

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti.

1. Nhar it-18 ta' Novembru 2012 l-konjugi Camilleri kienu irraportaw l-ghassa tal-Belt Valletta li kienu sfaw vitmi ta' serq mir-reisdenza taghhaom 157/2 Triq i Punent, Valletta.
2. Illi Huma pprzentaw lista miktuba minn Joseph Curmi tal-oggetti li insterqu fosthom diversi oggeti tad-deheb li l-valur taghhom jeccedi l-€2,000.
3. Illi fil-fodn kien hemm herba shiha kif konfermat iminnhom, min neputija taghhom Carmen Zammit u min nxi membri tal-pulizija li marru fuq il-psot.
4. Illi in segiwtu l-pulizija arrestat lill-akkuzat appellant in konnessjonui ma din is-serqa u dan ta' kamjun tal-impronti digitali tieghu u tal pali ta' idejgh u dan sabiex jsir ezami komparattiv bejn dawk l-impronti mehuda minn fuq il-persuna tieghu ma dawk elevati mix-xena tad-delitt.
5. Jirrizulta li skond l-espert nominat mill-Qorti Joseph Mallia kien hemm zewg impronti li instabu fuq il-bieb ta' barra tal-flat tal-konjugi Camilleri li qablu mal-impronti tal-akkuzat.

6. Illi l-akkzuat gie arrestat u investigat u mistoqsi jekk qattx mar f'dan l-appartament jew fil-blokka jghid li qatt ma mar hemm.
7. Mistoqsi jispjega kif l-impronti tieghu spiccaw fuq il-bieb ta' barra tal-flat ta' Camilleri jekk qatt ma resaqx hemm jghid li ma jistax iwiegeb.
8. Illi r-*res furtiva* qatt ma instabet u l-hsara li sofrew l-konjugi Camilleri hadd ma ghamel tajjeb ghaliha.

Illi l-akkuzat gie irmessaq u akukuat inter alia bir-reat ta' serq, ricettazzjoni, hsara volontarja u talli huwa recidiv. Illi huwa l-obbkligu tal-prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha u dan lil hinn minn kul dubbju detat mir-raguni.Illi l-prosekuzzjoni qed tibbaza l-kaz taghha biss fuq s-sejba ta'zewg impronti digitali tal-akkuzat fuq il-bieb principali li jaghti ghall-fond li gie derubat w ghalhekk, a bazi ta' din il-prova xjentifika li l-prosekuzzjoni qed tinsisti fuq l-htija tal-akkuzat.

Il-Qorti, ghamlet stharrig ukoll sabiex tara jekk il-post fejn instabu l-impronti digitali, kienx wiehed accessibbli ghal pubbliku jew le, sabiex tara jekk jistax ikun hemm gustifikazzjoni ghal tali sejba, w in oltre, xi spjegazzjoni li ta' l-imputat sabiex ikollu l-impronti digitali tieghu fuq il-post.

Illi skond r-relazzjoni ta' PS 1261 Charles Pace, jirrizulta li huwa ghamel ezamijiet ghal xi evidenza t'impronti digitali permezz ta' powders u pniezel rispettivi fil-fond derubat u fl-ekwati li kienu relavanti. Irrizulta li f'din it-tfittxija nstabu diversi marki, liema marki gew elevati w individwalment iddokumentati skond l-kodici tal-laboratorju forensiku u deskritti kif gej. Gie elevat lifter minn fuq il-bieb ta' barra minn naha ta' barra markat bhala dokument IIDII 301/302, lifter elevat minn fuq kaxxa tal-akrtun li kienet fil-main bedroom li gie dokumentat IIDII 303. Huwa esebixxa ukoll ritratti ta' dawn l-sistes lifters

Illi minn ezami tar-relazzjoni ppresentata mill-espert Joseph Mallia quddiem il-Magistrat Inkwerenti Dottor Doreeen Clarke nhar l-24 ta' Awwissu, 2015 jirrizulta li dan l-espert ha l-impronti digitali tal-imputat li gew immarkati

bhala dokument JM u JM 1 [fol 136 et seq tal-atti] u hu ghamel ezami komparattiv bejn dawn l-impronti digitali w il-lifters misjuba fuq x-xena tad-delitt . Mid-dokument IIDII 301 irizult ali mill-esami komparattiv li sar din ikkomparat posittivament u ghalhekk hija identitika ma parti mill-marki tal-pala ta' id ix-xellugija ta' Matthew Pisopo. Al ukoll li it-tieni impronta li giet zviluppata u elevata permezz tal-lifter dokuent 12 DDI 302 giet kkomaprata pozittivament u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba z-zghir tal-id ix-xellugija ta' Matthe Piscopo.

Illi l-imputat ma xehdtx f'dawn il-proceduri, kif kellu kull dritt li jaghmel, pero a tempo vergine tal-investigazzjoni u cioe nhar l-24 ta' Lulju 2015 ( fol. 49) u nhar l-24 ta' Settembru 2015 ( fol. 53) , huwa rrilaxxja zewg stqarrija, liema stqarrijiet li jinsabu esibiti fl-atti processwali.

Mistoqsi jghid jekk qattx dahal fid-dar li giet msiruqa mertu ta' din il-kawza, liema fond jinsab mikri lill-anzjani konjugi Camilleri, jghid li qatt ma kien dahal fih.

Mistoqsi kellux xi konnesjoni ma dan il-post billi forsi kellu xi tfajla tghix fil-blokka in kwistjoni fejn jisnab dan l-appartament jghdi li zgur li le . Mistoqsi jekk jafx fejn hu dan il-fond jghid li fjaf fejnhu ghaliex il-puilizija akkompanjatu fuq il-psot qabel ma irrilaxja l-ewwel stqarrija.

Mistoqsi jekk seraqx minn dan il-fond, l-imputat iwiegeb fin-negattiv.

Illi fid-dawl tal-istqarriji tieghu, l-imputat wara gie rinfaccat bil-prova tal-prosekuzzjoni li fil-bieb ta' barra ta' dan il-fond kien hemm impronti digitali tieghu, m'ghamel xejn sabiex jipprova idghajef l-prova tal-prosekuzzjoni billi jittanta jaghti spjegazzjoni ghal dan.

Illi l-imputat qatt ma qal li kien dahal fil-fond sabiex jiggustifika l-presenza tal-impronti digitali tieghu fuq il-bieb , kif kien jispetta lilu jipprova.

Ikkunsidrat,

Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Spiteri**[36] ġie ddikjarat is-segwenti:

> *Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*
>
> *L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*
>
> *Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.*

[36] Mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002

Madankollu skond is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Cyrus Engerer** [37]ġie ppuntwalizzat ukoll illi:

> *Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita'.*

Kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija v Jason Lee Borg u Alan Camilleri** [38]:

> *"Provi jew indizzji cirkostanzali ghandhom ikunu uniovoci, cioe mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda ilkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Il-prova ta' fingerprints qeghda hemmhekk biex f'xi kazijiet issahhah provi ohra tal-Prosekuzzjoni u f'kazijiet fejn dik tkun l-unika prova."*

B'referenza ghal impronta digitali bhala prova din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Noel Frendo**[39] fejn gie ritenut li:

> *L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja – "circumstantial evidence" – li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v. Kilbourne*

[37] Deciza mill-Qorti tal Appelli Kriminali 8 ta' Mejju 2014
[38] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-15 ta' Gunju, 1998
[39] Deċiż mill-Qorti al-Appelli Kriminali nhar it-30 ta' Diċembru 2004

*[1973] AC 729, p. 758 "...works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities." Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku – il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac- cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet limpronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mirraguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors talkommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew filkors ta' xi atti li jammontaw ghall- anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat. Hekk, per ezempju, impronta misjuba f'bank fil-parti fejn il-pubbliku ghandu access u meta jirrizulta li l-imputat kien jiffrekwenta dak il- bank ftit li xejn tista' sservi ta' prova kontra dak l-imputat jekk huwa jigi akkuzat b'serq minn dak il-bank. L-istess ma jistax jinghad, pero`, jekk dik l-impronta tinstab fuq il- bieb ta' l-istrongroom tal-bank fejn l-impjegati tal-bank biss jistghu jidhlu u meta l-imputat ma hux tali impjegat u ma jirrizultax li qatt kellu ghalfejn jersaq lejn dak il-bieb.*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-impronti digitali ttiehdu b'mod regolari u skond l-ligi w huma ammissibbli bhala prova. Stabbilit dan il-punt, u cioe l-ammissibilita tal-konkluzzjonijiet tal-esperti tal-impronti digitali, wiehed irid jara jekk il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jwasslux ghal htija tal-akkuzat dwar r-reati.

Ma hemmx ghalfejn wiehed jirrepeti l-esposizzjoni ta' **Lord Denning** tal-grad ta' prova li din l-espressjoni timplika:-

"*That degree is well settled. I need not reach certainty, but it must carry a high degree of probability. Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable'*

*the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice*[40]*."*

Is-success fl-impront digitali ghar-risultat forensiku jiddependu fuq tlett kolonni, l-ewwel wahda minnhom hija li l-ezami komparattiv isir bi precisjoni, liema dover jaqa' fuq l-espert nominat mill-Qorti. It-tieni kolonna hija li t-tehid tal-impronti digitali sar b'mod legali u trasparenti u t-tielet kolonna hija li l-impronti digitali huma evidenza cirkostanzjali, liema tip ta' evidenza tindika izda ma timplikax htija wahedha.

Naturalment t-tehid tal-impront digitali irid jittiehed b'mod trasparenti ghalhekk fin-nuqqas anke l-Ufficjal tal-Pulizija jkollu jirrispondi u minflok indizju tal-prova isib evidenza dubbjuza, kif gara fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta v Martin Gaffarena**[41]. Bhala principju generali "*fingerprints are meant to assist the quest of the truth and not to falsify it*" kif sostna **Francis Galton.**

Bhala principju generali din il-Qorti thoss li l-prova tal-fingerprint ghandha tkun sufficjenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova tal-Prosekuzzjoni u legalment u ma hemmx bzonn ta' xi korroborazzjoni tal-prova billi l-istess prova wahedha ghandha twassal ghal htija. Dan ghaliex sid il-fingerprints misjuba, ghandu jaghti spjegazzjoni taghha biex huwa jipprova jgheleb din il-presunzjoni ta' htija, per ezempju li gieli dahal fil-fond jew setgha mess l-oggett li nstab fil-fond meta kien band'ohra.

Fis-sentenza moghtija fit-tletin ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet **il-Pulizja v Emanuel Camiller**[42]i gie deciz li

*"… f'dak il-kaz il-prova tal-fingerprints kien jinhtiegilha korroborazzjoni minn provi cirkostanzjali ohra. Pero hemm kazijiet*

[40] Miller v Minister of Pensions - 1947 - 2All E.R. 372, pp. 373-374.
[41] Deciz nahr it-23 ta' jannar 1996
[42] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-30 ta' Gunju 1988

*fejn il-prova tal-fingerprints wahedha tkun bizzejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-htija tal-akkuza."*

Fil-fatt fl-Ingilterra fil-kaz **R v Castletan** [43] gie deciz li:

> "*Identification of fingerprints by a person expert in such prints may be sufficient even where it is the only evidence of identification."*

Ta min jfakkar dak li jghid l-awtur **Keith Simpson** fil-ktieb tieghu Forensic Medicine[44] :

> "*Glanton estimated that: The chance of two points from different fingers being identical was less than one in sixty four thousand millions - some thirty times the world population. It is perhaps more significant that never yet, in the world's crime records have identical prints come to light unless from the same finger."*

Kif tajjeb osservat il-Qorti fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v Bernard Muscat u Mark Zahra**:

> "*Mhux rikjesti hafna provi u korroborazzjonijiet biex il-Qorti tasal ghal konvinciment skond l-ligi, izda bizzejjed prova wahda jekk din tasal biex tissodisfa r-rekwizit tal-konvinciment morali mill-htija tal-akkuzat."*

Fis-sentenza moghtija fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta v Emanuel Previ**[45], dik il-Qorti sabet lil imputat hati tal-akkuzi ta' serq addebitati lilu peress li ma tax spjiegazzjoni ta' kif instabu l-impronti digitali tieghu fuq s-shutter tal-fond misruq meta l-imputat kien innega li kien qatt mess dak ix-shutter.

Illi fil-akz in desamina jirrizulta bic-car li instabu impronti digitali fuq il-bieb li jaghti ghad-dar tal-konjugi Camilleri u stante li l-akkzuat ma ta' l-ebda spejgazzjoni dwar din is-ejba din il-Qorti tara li l-gudizzju uzat mill-ewwel Qorit ghall-htija tal-akkzui ta' serq aggravat bi-mezz lok u valur, hsara

---

[43] 3 Cr App R - 74, CCA ( vide Archbold 1997 para 14-97

[44] 6th Edition pagna 19

[45] moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-29 ta' April, 1982

volontarja jirrizultaw provati. Il-Qorit rat kif tajjeb osservat l-ewwwel Qorti li l-akkzua ta' ricettazzjoni inghatat b'mod alternattiv ghall-akkzua ta' serq u statne li dinil-Qorti ukoll qed issibiu hati tal-akkzua ta' serq aggravat hija ukoll mhux qed issibu hati ta' ricettazzjoni.

Dwar l-akkuza ta' recidiva din ukoll tirrizulta kif tajjeb ikkonkludiet l-ewwel Qorti. Il-prosekuzzjoni esebit is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminal inhar it-30 ta' Lulju 2013 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Matthew Piscopo** ( fol 58) u f'din is-sentenza wara isem u l-konnotati tal-akkuzat Piscopo hemm ukoll indikat in-numru tal-karta ta' identita tieghu li hija 68675(M) u f'din is-sentenza kien instab hati ta' serq u gie kkundannat tnax-il xahar prigunerija. Din is-sentenza giet ukoll kkonfermata fil-konfront tal-akkuzat odjern mill-ufficcjal prosekutur Kylie Borg. Pero din is-sentenza kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti ma tistax tigi kkunsidrata ai fini tar-recidiva u dan ghaliex ir-reati li bihom gie imressaq l-appellant odjern sehhew qabel ma inghata din il-conviction.

Pero' ma jistax jinghad l-istess fir-rigward tas-sentenza l-ohra moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar il-21 ta' Novembru, 2007 (fol. 62) fejn hemmhekk ukoll hemm indikat in-numru tal-karta ta' identita tal-akkuzat Matthew Piscopo. F'din is-sentenza ahharija li skond ix-xhud Maria Dolores Fenech ma gie intavolat l-ebda apppell minnha, l-akkuzat kien instab hati ta' diversi reati u gie kkundannat hdax-il xahar priguenrija u ghalhekk ghandu jinsab hati talli hu reicdiv ai termini tal- artikolu 49 u 50 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Fir-rigward tal-piena din il-Qorti rat li l-ewwel Qorti kif del resto qed issibu hati din l-istess Qorti sabitu hati tar-reat ta' serq aggravat bil-mezz, lok u valur, ta' hsara volotnarja u talli huwa recidiv u ikkundannatu ghal piena ta' erbgha u ghoxrin xahar prigunerija effettivi. Astjeniet kif qed taghmel din l-istess Qorti mill-akkuza ta' ricettazzjoni stante li din inghatat b'mod alternattiv ghall-akkzua ta' serq. Din il-Qorti ma tara li hemm l-ebda raguni 'l ghaliex hija

ghandha tvarja tali piena inflitta u dan ghaliex ma hemm l-ebda cirkostanza gdida li l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni.

Dwar il-kundanna ta' l-ewwel Qorti sabiex l-akkuzat ihallas l-ispejjez involuti f'dawn il-proceduri fin-nomini tal-esperti ai terminu tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta din ukoll qed tigi konfermta u l-akkuzat appellant ghandu ihallas is-somma ta' €1,211.06 fi zmien xahrejn minn meta jigi hekk mitlub mid-Direttur tal-Qorti Kriminali u ghal dan il-ghan qed tordna li din is-sentenza tigi notifikata lilha sabiex tigbor dawn il-flejjes dovuti lil Gvern ta' Malta.

Qeda ukoll takkolji ir-rakomandazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' kordin sabiex jaghti l-ghajnuna kollha mehtiega sabiex l-appellant jindirizza il-problema li huwa ghandu ta' abbuz ta' droga u ghalhekk tordna li din is-esntenza tigi ukoll notifiakta lid Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin.

Qeda ukoll tilqa' l-ordni tal-konfiska tal-oggetti uzati bhala l-*corpus delicti* u cioe l-istrumenti li gew esebiti fl-atti konsistenti f'tornavit catt u formatur liema istrumenti setghu intuzaw sabiex sehh id-delitt.

Dwar l-Ordni ta' restituzzjoni maghmula ai termini tal-artikolu 15A tal kap 9 tal-ligijiet ta' 'Malta din il-Qorti qeda tvarja dan l-ammont u cioe l-ordni li l-appellant jhallas lill-konjugi Camilleri is-somma ta' €5,000 billi qed tirriduci din is-somma ghal €4,000 liema somma tirrappresenta kumpens ghat telf u hsara li sofrew il-konjugi Camilleri.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur